MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1377/2004

**Ivan Cassar (157075M)**

**Vs**

**Reuben Caruana proprio u ghan-nom
ta' Sign It Limited (C – 13831)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas is-somma ta' elf mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm1,176) rapprezentanti xoghol ta' armar u zmantellar tat-tined fuq ordnijiet tal-konvenuti.

Ra li l-konvenuti rrispondew illi l-attur m'ghandux relazzjoni guridika mal-konvenut proprio izda tali relazzjoni hija mas-socjeta' konvenuta.

Illi t-talbiet huma preskritti. Illi l-attur m'ghandu jiehu xejn mis-socjeta' konvenuta.

Ra li fil-fatt il-konvenuti ddecidew Kontro-Talba fis-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti danni allegatament sofferti mis-socjeta’ konvenuta b’konsegwenza ta’ l-agir ta’ negligenza ta’ l-attur li b’rizultat tieghu l-klijenti naqsu milli hallsu lill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attur.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-konvenuti ma dehrux ghas-seduta tal-25 ta’ Frar, 2005 meta kellhom iressqu l-provi taghhom u li ghalhekk il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghal-lum.

Ra li ma gie pprezentat l-ebda Rikors fejn intalab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ghamel xoghol ta’ zmantellar u kostruzzjoni ta’ varji tined kif hemm spjegat fid-dettall fid-dokumenti a fol 11, 12 u 13 tal-process.

Mix-xhieda ta’ l-attur fil-fatt jirrizulta li l-attur kien impjegat mal-kumpanija Sign It Limited u apparti l-paga, kellu jithallas ammonti addizzjonali ghal kull tinda li jaghmel skond il-metragg.

Mix-xhieda ta’ l-istess attur jirrizulta li ghax-xahar ta’ Dicembru kellu jiehu tlett mija u tletin lira Maltin (Lm330), f’Jannar 2003 kellu jiehu erba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm475) u ghal Frar tlett mija u tletin lira Maltin (Lm330) u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm83) ohra bhala *bonus* li b’kollox jigu elf mitejn u tmintax-il lira Maltin (Lm1,218).

Ghal din ix-xhieda ma giet prodotta l-ebda prova li tista’ b’xi mod tirribatti din l-asserzjoni ta’ l-attur, hlief li fil-fatt l-ammont imsemmi mill-attur huwa iktar mill-ammont mitlub fil-kawza u dan it-Tribunal ma jistax jordna hlas aktar mill-ammont attwalment mitlub.

Billi t-talba attrici tirrizulta pruvata, din sejra tigi akkolta hlief li fil-fatt jirrizulta pruvat illi d-debitu huwa proprjament dovut mis-socjeta' konvenuta u mhux minn Reuben Caruana proprio li sejjer jigi lliberat mill-osservanza.

Illi ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jinghad li ma gie citat l-ebda Artikolu tal-ligi li fuqu l-eccezzjoni qed tigi bbazata. Mhux kompitu ta' dan it-Tribunal li jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas. Illi ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi ghar-rigward tal-Kontro-Talba ma gew prodotti l-ebda provi fir-rigward u ghalhekk din sejra tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal fl-ewwel lok jillibera mill-osservanza lill-konvenut Reuben Caruana li ghandu jhallas l-ispejjez tieghu, jilqa' t-talba ta' l-attur fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Sign It Limited u konsegwentament jikkundanna lis-socjeta' Sign It Limited sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm1,176) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba. Il-Kontro-Talba tal-konvenuti qed tigi michuda bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------